200 sena
KOLLEĠĠJATA
1820 - Parroċċa San Lawrenz Birgu - 2020

**FESTA**
**SAN LAWRENZ**
**2020**



# Il-Belt Vittoriosa tiċċelebra l-patrun tagħha


NEXT TIME YOU
TRAVEL USE BOV PAY
CAFÉ
BOV
VISA
BOV pay
GET IT ON Google Play
Talk to us | 2131 2020 | bov.com
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).
BOV
Bank of Valletta

FR JOHN AVELLINO

# IL-KARDINAL PETER TURKSON FOSTNA GĦALL-BIĊENTINARJU



Il-Ħadd, 2 ta' Frar 2020 kienet ġurnata speċjali għall-parroċċa tagħna. Kellna fostna 'l-Kardinal Peter Turkson, li għoġbu jingħaqad magħna biex nagħtu bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet li din is-sena kellhom ifakkru l-200 sena minn meta l-knisja tagħna saret Kolleġġjata fl-1820.

Tajjeb jingħad, għall-istorja, li għall-ftuħ ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kellu jiġi fostna l-Kardinal Prospero Grech, iben din il-Belt Rebbieħa, imma lejlet il-ġurnata meta kellu jiġi Malta għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, il-Mulej għoġbu jsejjaħlu fi ħdanu - ara artiklu f'paġna 46. Il-Kardinal Grech miet fit-30 ta' Diċembru. Fuq inizjattiva tal-Arċipriet u bl-għajnuna tal-Ambaxxatur ta' Malta għas-*Santa Sede*, Frank Zammit, kien deċiż li nistiednu l-Kardinal Turkson, li mill-ewwel aċċetta l-istedina tagħna.

Il-Ħadd filgħodu, il-Kardinal Turkson kien milqugħ f'*Couvre Porte* mill-Arċipriet u l-Kapitlu, is-Sindku John Boxall, membri tal-Kumitat Organizzativ, rappreżentanti tal-għaqdiet tal-Birgu u l-poplu Vittoriosan u twassal sal-knisja ta' Santa Skolastika b'korteo, bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz. Minn Santa Skolastika, il-Kardinal Turkson u l-konċelebranti mxew sal-knisja parrokkjali, fejn sar pontifikal solenni f'atmosfera ta' festa. Fi tmiem il-pontifikal, il-Kardinal bierek id-dalmatika l-ġdida ta' kuljum tal-istatwa ta' San Lawrenz.

Wara l-Kardinal kien il-mistieden tas-Sindku u l-kunsilliera għal bibita fil-Berġa ta' Franza u aktar tard attenda għal pranzu informali flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa, qabel ma mar l-ajruport għat-titjira tiegħu lura lejn Ruma.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 1 28/07/2020 16:03

**Dan il-Programm tal-Festa ngħalaq għall-istampa l-Erbgħa, 29 ta' Lulju, qabel ħarġet l-istqarrija tal-Isqfijiet, is-Sibt, 1 ta' Awwissu.**

# WERREJ


| | |
|---|---|
| Il-Kardinal Peter Turkson fostna għall-biċentinarju | 1 |
| Il-messaġġ tal-Arċipriet | 3 |
| F'din is-sena tal-*COVID-19*: ħidma sħiħa fil-knisja | 5 |
| Ir-rabtiet tas-Soċjetà mal-festa huma kbar | 13 |
| *V-SL Media*: Ħolma li saret realtà | 19 |
| Appell mill-Knisja dwar saħħitna | 24 |
| Programm tal-Festa 2020 | 25 |
| Festa li xorta waħda ħa tagħti ġieħ lil Lorenzo | 27 |
| Armar ġdid u restawr għall-festa 2020 | 31 |
| Sena li se nibqgħu niftakkru | 37 |
| Il-Kolleġġjata tal-Birgu tagħlaq 200 sena | 41 |
| Insellmu l-memorja tal-Kardinal Prospero Grech | 45 |
| Ġużi Avellino: pilastru tal-festa tal-Palma | 46 |
| Joseph Micallef ta ħafna lill-parroċċa tagħna | 47 |
| Insellmu lil omm l-Arċipriet | 47 |
| Pawlu u Joseph: żewġ Vittoriosani b'qalb kbira | 48 |


## IR-RITRATT TAL-FAĊĊATA



Dan ir-ritratt ittieħed fit-28 ta' Marzu li għadda, f'nofs il-pandemija li ħasdet lid-dinja kollha. Kienu s-6:30pm. Il-Pjazza tal-Birgu, li s-soltu f'dan il-ħin tkun mimlija bin-nies, kienet baħħ. Kulħadd magħluq id-dar b'ubbidjenza lejn id-direttivi maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

Jispikka l-monument ta' San Lawrenz iħares fuq il-Pjazza vojta, imma qrib ħafna l-poplu Vittoriosan f'din l-esperjenza li għexna lkoll kemm aħna. Il-poplu Vittoriosan talbu bil-qalb biex jieqaf magħna. U ċert li San Lawrenz kien magħna lkoll u mal-familji tagħna. Inkomplu nitolbuh biex iżommna taħt il-ħarsien tiegħu. San Lawrenz, nitolbuk, kompli ieqaf magħna!


**PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA SAN LAWRENZ FLIMKIEN MAL-KUMITAT FESTI ESTERNI SAN LAWRENZ U S-SOĊJETÀ MUŻIKALI BANDA SAN LAWRENZ TAL-BELT VITTORIOSA**

**BORD EDITORJALI**
Fr John Avellino
Noel Gauci
Pawlu Micallef

**PRODUZZJONI**
Fr John Avellino
Noel Gauci

**RIKLAMI**
Fr John Avellino, Glenn Agius, Pawlu Bongailas, Noel Gauci
Pawlu Micallef, Frans Saliba

**QARI TAL-PROVI**
Daniel Bezzina, Charles Tabone, Marian Zaffarese

**RITRATTI**
Marco Avellino, Melvin Degiorgio, Noel Gauci, Lawrence Parascandolo, Elton Randich, Matthew Raggio, André Xuereb

**DISINN**
Kevin Barun, Gabriel Pettini de Oliveira

branded juice

**STAMPAR**
Gutenberg Press - Tarxien

**Kumitat Festi Esterni San Lawrenz**
**91 Triq San Lawrenz**
**Birgu BRG 1384**
**Tel: 2182 7057**



KAN  DUN KARM BUSUTTIL

# FESTA B'DIFFERENZA IMMA XORTA OKKAŻJONI TA' FERĦ

ARĊIPRIET BELT VITTORIOSA

Għeżież ħuti Vittoriosani, din is-sena l-festa se niċċelebrawha b'differenza mis-snin l-imgħoddija, imma ma jfissirx li din ħa tkun festa li mhux se nħossu dak li suppost ikollna: il-ferħ. Dan għaliex il-ġurnata tal-10 ta' Awwissu hi fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna u allura tnissel fina ferħ kbir.

Din is-sena l-festa se tkun organizzata u se jkun hemm ħafna mumenti soċjali bejnietna. Grazzi għall-impenn li kien hemm bejn il-ħames entitajiet tal-festa f'dawn l-aħħar ġimgħat, li kkoordinaw ilkoll flimkien, kien imħejji programm sħiħ ta' attivitajiet.

Anki jien u Fr John kellna ċ-ċans li niltaqgħu mal-ħames entitajiet biex norganizzaw il-festa f'dawn iċ-ċirkustanzi li qegħdin ngħixu llum. Naħseb li f'dawn il-ġranet ta' festa, intom se tirrealizzaw li, din id-darba, il-festa se tmiss il-qlub tagħna lkoll ... minkejja kollox!

Nhar l-10 ta' Awwissu, festa liturġika ta' San Lawrenz, filgħodu se jkollna quddiesa solenni bil-mużika kif jixraqlu San Lawrenz. Sintendi jkun hemm ukoll il-quddies tas-soltu f'dan il-jum qaddis għalina l-Vittoriosani. Imbagħad filgħaxija nagħmlu quddiesa fis-6.30pm u din id-darba San Lawrenz joħroġ f'pellegrinaġġ matul it-toroq tal-Birgu, akkumpanjat mill-Banda Lawrenzjana tal-Birgu b'innijet tal-qaddis patrun tagħna.

Dan hu mument li għandna nirringrazzjaw lil Alla lkoll flimkien għax għamilna sagrifiċċji kbar u lkoll iċċaħħadna biex obdejna d-direttivi li tawna l-Awtoritijiet tas-Saħħa ta' pajjiżna. Nirringrazzjaw lil Alla li kollox għadda ftit jew wisq b'wiċċ il-ġid, għalkemm il-biża' għadha hemm u wieħed irid iżomm f'moħħu u jkun konxju biex, kemm jista' jkun, jevita sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' periklu għal ħajtu. Imma San Lawrenz qiegħed jistedinna biex nagħmlu kuraġġ u nħarsu 'l quddiem biex jekk Alla jrid is-sena d-dieħla, il-Mulej jagħtina l-grazzja li niċċelebraw din ir-realtà tal-fidi tagħna mingħajr biża' jew ħsieb ta' gwaj.

Jalla din il-festa ġġib fostna l-Vittoriosani s-sens ta' għaqda u determinazzjoni biex inkomplu nqawwu fostna l-valur tal-fidi tagħna u nkattru d-dmir ċiviku tagħna li jwassalna biex ningħaqdu u nirrispettaw lil xulxin fl-imħabba Nisranija. Ċert li taqblu miegħi li San Lawrenz hu l-ikbar u l-aqwa eżempju ta' xi tfisser li inti tħobb u tagħti ħajtek għall-oħrajn.

Nawgura minn qalbi festa mimlija barka u paċi lil ħuti Vittoriosani kollha, anki lil dawk, li għal xi raġuni jew oħra, m'għadhomx  jgħixu l-Birgu. Insellem b'mod speċjali lil dawk li qegħdin rikoverati fid-djar tal-anzjani jew li ma joħorġux mid-dar, kif ukoll lil ħutna emigranti. Jalla San Lawrenz iġib l-għaqda fostna u jmexxina 'l quddiem fis-sliem.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 3 28/07/2020 16:03

greenpower
VEHICLES

# FOR A GREENER ENVIRONMENT WHILE SAVING MONEY




For purchasing or leasing
**100% ELECTRIC VEHICLES**
call on **7940 0920** or **9947 8577**
or email on **greenpowervehiclesmalta@gmail.com**

Programm Festa 2020 FINAL.indd 4 28/07/2020 16:03

FR JOHN AVELLINO

# F'DIN IS-SENA TAL-COVID-19: ĦIDMA SĦIĦA FIL-KNISJA

ASSISTANT PARROĊĊA SAN LAWRENZ

Jgħidu kull deni ħudu b'ġid! Kif jaf kulħadd, il-knisja tagħna għalqet il-bibien tagħha l-Ġimgħa, 13 ta' Marzu minħabba l-*COVID-19*. Ma qgħadniex kwieti. Grazzi għall-inizjattiva tal-Kumitat tal-Festa, l-aktar Christian Raggio u Daniel Bezzina, ftit ġranet wara bdejna nxandru l-quddiesa kuljum mill-kappella tas-Sagrament. Bdejna nużaw l-apparat ta' Daniel, li daħal għal din il-biċċa xogħol b'ruħu u ġismu, kif jgħid il-Malti.

Ma konniex kuntenti għalkollox. Tkellimna u flimkien rajna l-possibbiltà li nikru apparat professjonali mill-kumpanija *MAV* biex nagħtu servizz aħjar, l-aktar fil-ġranet tal-Kwaranturi u l-Ġimgħa Mqaddsa, ġranet li l-Vittoriosani jgħixu b'mod partikolari. Sibna wkoll l-għajnuna ta' Matthew Gellel, li offra l-enerġija tiegħu biex stajna ntejbu x-xandir bil-*Facebook,* u lil Matthew Raggio, li għen ukoll.

Intant jien saħħaħt il-paġna tiegħi ta' *Facebook* u ħloqt paġna ġdida tal-parroċċa bl-isem ta' Parroċċa San Lawrenz Birgu. Din il-paġna tal-*Facebook* kienet, biex ngħidu hekk, in-*noticeboard* tal-parroċċa tagħna tul iż-żmien li l-knisja kienet magħluqa għall-pubbliku.

Sadanittant, Anton Gellel offra li jagħmilha ta' sagristan minħabba li Karmenu kellu joqgħod ġewwa minħabba saħħtu. Kif tafu l-knisja tul dawn il-ġranet kienet tkun miftuħa għat-talb privat. Għamilna sforz sew, grazzi għall-impenn ta' Rita Vella u Charles Debattista, biex il-knisja tinżamm nadifa. Konna, tista' tgħid, naħsluha kuljum bid-*Dettol*. Hekk kienu jitolbu ċ-ċirkostanzi.

Sakemm il-knisja kienet magħluqa għall-pubbliku, iddeċidejna li nduru dawra mal-knisja. Kellna l-appoġġ sħiħ tal-Arċipriet, li f'dan iż-żmien kien qed jgħix mument diffiċli minħabba li ommu kienet dieħla u ħierġa l-isptar, sakemm marret tiltaqa' mal-Ħallieq tagħha fid-29 ta' April.

Għaldaqstant xtaqt nagħti ħarsa lejn ix-xogħol kollu li sar tul iż-żmien li l-knisja kienet magħluqa minħabba l-*COVID-19*. Dan kien possibbli grazzi għall-għotjiet u l-appoġġ finanzjarju tagħkom.

### *Is-sagrestija*

Bdejna bis-sagrestija, fejn dorna l-bjut u l-katusi kollha tagħha; ingħataw kisja tajba biex jilqgħu għax-xita f'Settembru, jekk Alla jrid. It-taraġ li mill-Awla jagħti għas-sala ta' fuq l-Awla u għal fuq il-bejt tas-sagrestija tnaddaf waħda sew. Dejjem fis-sagrestija, naddafna waħda sew il-kantina, inklużi l-bibien u t-twieqi u t-*toilet* li hemm fiha, li kellu bżonn



Programm Festa 2020 FINAL.indd 5 28/07/2020 16:03

WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!

**MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES**

WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE



BIBAS

YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS, HOMPESCH ROAD, FGURA.
Tel: 2169 1269 E-mail: bibas@go.net.mt

5% DISCOUNT
ON PRESENTATION OF THIS ADVERT
THIS VOUCHER IS REDEEMABLE ONCE AND DOES NOT FORM PART OF ANY OTHER OFFER.



**Għal xogħol preċiż f'minjatura ta' bradelli,
brazzi tal-ferro battuto, interzjar u mudelli ta' knejjes
Irrikorru għand Manwel Vassallo
Mob : 9947 5003**

dawra sew. Inżebgħu l-bieb prinċipali u l-faċċata tas-sagrestija u l-intrata, barra li saru dwal ġodda fl-istess intrata. Dorna wkoll it-twieqi t'isfel tas-sagrestija u l-koxox tagħhom. Bajjadna t-*toilets* u twaħħlu xi kwadri li qabel kienu mitluqa taħt il-taraġ. Naddafna u bajjadna l-bitħa, barra li tajnieha dehra ġdida b'għadd ta' pjanti u billi żbajna l-ħadid li jagħti għall-kantina. Dorna l-bank tal-kċina u ssewwa l-bieb li mill-kċina jagħti għall-kamra tal-kafé, li kellu ċ-ċappetti mkissra u ħġieġa ilha nieqsa s-snin.

Ħadna ħsieb ukoll il-niċċa tal-ġilandra li għandna fis-sagrestija, li kellha bżonn vent ta' għall-arja minħabba l-umdità u sarilha wkoll dawl ġdid. Naddafna l-purtieri tal-kamra tal-kafé u s-sopraporti għamilnielhom *railings* ġodda.

Fis-sagrestija dendilna l-anġli li jintramaw mal-linef tal-festa u għamilna dawl ġdid fuq iċ-ċinta ta' fuqhom. Dawn issa jistgħu jitgawdew tul is-sena kollha.

### *Il-kor*

Fil-kor baqa' għaddej ix-xogħol fuq il-bankuni tal-kor mill-kumpanija *Recoop*, li issa ħa dehra mill-isbaħ - ara artiklu separat. Tajna wkoll tindifa 'l-kannierja ta' taħt il-kor, bl-għajnuna tal-impjegati tal-Kunsill Lokali, li minn hawn nirringrazzjahom. Saret ukoll gradilja ġdida fil-paviment tal-kor biex il-kannierja ta' taħt l-artal maġġur ikollha aktar arja.

### *Ix-xogħol fil-knisja*

Kellna bieb fil-kappella tas-Sagrament li kien mikul mit-termiti. Fuq parir tal-Arċipriet dan inqala' minn postu u tnaddaf dak li qabel kien it-teżor. Dorna waħda sew in-niċċa ta' Santu Rokku, li kienet spiċċat. Barra minn hekk, il-ħitan ta' din in-niċċa tnaddfu mill-ġir u tkaħħlu l-fili.

Sar restawr ta' parti mill-iskultura tal-artal ta' San Ġużepp u ħadna ħsieb innaddfu xi oġġetti tal-kult għand il-kumpanija *SECA*. Biddilna d-drapp tal-fjokki tal-sekondi festi u nħasslu t-trieħi ta' kuljum.

### *Fuq iz-zuntier*

Ħadna ħsieb niżbgħu l-poġġamani li hemm fuq iz-zuntier u kienet irrestawrata l-gwarniċa tal-grada fil-faċċata tal-knisja li tagħti għall-ġiebja li hemm taħt il-knisja. Tnaddaf ukoll it-taraġ tal-kampnar li jagħti għall-parti ta' isfel tal-istess kampnar u sar xogħol ta' manutenzjoni fuq iż-żewġ bibien u l-bejt tal-Oratorju tal-Kurċifiss.

Fuq kollox ħadna ħsieb norganizzaw u nħejju l-knisja għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Knisja fix-xhur li l-knisja kienet magħluqa u wassalniehom fid-djar tal-familji tal-parroċċa tagħna, grazzi għal *Facebook*.

Xtaqt inrodd ħajr lil dawn is-sinjuri li għinu biex seta' jsir dan ix-xogħol kollu: l-Arċipriet u Fr Stephen Attard, David Agius, Jason Ancilleri, Lawrence Avellino, Daniel u Mario Bezzina, Ausonio u Christine Busuttil, Roderick Busuttil, Cameron Cachia, Karmenu Callus, Anton Collins, Laurent Darmanin Mifsud, Charles Debattista, Arthur Demarco, Joseph Gatt, Anton u Matthew Gellel, Tony Micallef, Lawrence Montesin, Lino Parascandolo, Christian u Matthew Raggio, Joseph Schembri, Charlie Vella u Rita Vella. Nispera sinċerament li ma ħallejt lil ħadd barra. Jekk hu hekk, niskuża ruħi.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 7 28/07/2020 16:03

Milia's
pharmacy

HEALTH ~ BEAUTY ~ PERFUMERY ~ BABY

# PHARMACY OPEN ALL DAY

**MONDAY TO FRIDAY**
7:30am to 9:30pm

**SATURDAY**
7:30am to 7:00pm

73, Triq il-Kottonera, Birgu - **t:** 2760 0126 • **e:** info@milias.com.mt

**milias.com.mt**

find us on facebook
miliaspharmacy

Programm Festa 2020 FINAL.indd 8 28/07/2020 16:03



Barra dan ix-xogħol kollu, baqa' għaddej ix-xogħol fuq il-proġetti l-kbar li dħalna għalihom fil-knisja tagħna.

### Il-koppla

L-akbar biċċa xogħol li għaddejja bħalissa fil-knisja tagħna hu l-mega proġett tal-koppla, li qed tiġi mpittra u indurata. Saru tmien twieqi ġodda għal-lanterna tagħha u bħalissa qed issir il-manutenzjoni u t-tiswija tat-twieqi l-kbar tal-istess koppla. Taħt il-gwida ta' Arthur Demarco qed jinħadem pjan ta' dawl ġdid għall-koppla minn ġewwa. It-tama tagħna hu li dan il-pjan, ladarba tkun lesta l-koppla, jitkompla għall-knisja kollha.

### L-orgni

Il-knisja tagħna hi mogħnija b'orgni klassiku, li kien inbena mid-ditta Giovanni Tamburini ta' Crema, fl-Italja, fl-1952. Jingħad li dan ħa post ieħor antik li kien imur lura għas-seklu tmintax. Minn studju li sar fuqu, irriżulta li l-orgni għandu bżonn dawra sew u tiswija ta' ħafna partijiet mnnu. L-esperti qed jirrikkmandaw li jsir aġġornament tiegħu għal sistema ta' trasmissjoni diġitali moderna. Ix-xogħol qed isir mill-kumpanija *Michael Farley Organ Builders* tal-Ingilterra taħt is-superviżjoni ta' Noel Gallo, espert fil-qasam tal-orgnijiet.

### L-Artal maġġur

Sakemm qed jinkiteb dan l-artiklu qed nistennew li jasal l-irħam griż mill-Italja biex jibda r-restawr fuq l-artal maġġur. Il-ħsieb hu li jsir xogħol fuq tliet artali oħra; dak tat-Trinità, l-artal tal-Kunċizzjoni u dak ta' Santa Marija.

Tlesta wkoll ix-xogħol fuq l-irħam tal-erba' pilastri taż-żewġ kappelluni tal-knisja li saru s-sena li għaddiet. Dan ix-xogħol kien inbeda mill-ħaddiema Taljani s-sena l-oħra, imma ma setgħux jirritornaw Malta minħabba l-pandemija.

### Is-saqaf tal-kor

Kif kulħadd jaf, is-saqaf tal-kor hu fi stat ħażin ħafna u jrid jingħata attenzjoni kemm jista' jkun malajr. Bi pjaċir inħabbru li għadna kemm irċevejna għotja ta' fondi mill-Istat biex isir dan ir-restawr urġenti. Il-ħsieb tagħna hu li, malli jitlesta x-xogħol fuq il-koppla, l-armar tal-koppla jimxi



Programm Festa 2020 FINAL.indd 9 28/07/2020 16:03



Programm Festa 2020 FINAL.indd 10 28/07/2020 16:03

għas-saqaf tal-kor biex jibda r-restawr minnufih.

### *Restawr ieħor*

Sar xogħol ta' tiswija u restawr fuq il-fjokk tal-lampier tal-festa għand id-ditta Joseph Aquilina taż-Żejtun. Dan il-lampier sar wara l-aħħar gwerra fuq inizjattiva ta' Peppi Gellel. Peppi kien ġabar għal għadd ta' opri oħra li saru wara l-gwerra.

Ħadna ħsieb ukoll nirrestawraw il-*Volto Santo* li hemm fl-artal tal-Kurċifiss. Din ir-relikwija bil-Wiċċ ta' Kristu tmur lura għall-1714. Sar xogħol intensiv fuq il-wiċċ ta' Kristu; saħansitra sar eżami forensiku fuq il-wiċċ biex ikun stabbilit jekk il-qtar li hemm fuqu hux demm uman. Il-fidda ġiet irrestawrata. Il-fondi biex tkun irrestawrata din ir-relikwija ngħataw mill-Ordni ta' San Ġwann.



*Il-fjokk tal-lampier il-kbir tal-festa li għadu kemm ġie irrestawrat. Fil-paġna l-oħra, jidher il-*Volto Santo* u r-ritratt li ħareġ wara l-eżami forensiku*








Programm Festa 2020 FINAL.indd 11 28/07/2020 16:03




Programm Festa 2020 FINAL.indd 12
28/07/2020 16:03

SIMON FARRUGIA

# IR-RABTIET TAS-SOĊJETÀ MAL-FESTA HUMA KBAR

SEGRETARJU SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN LAWRENZ



Wara tant xhur ta' qtigħ il-qalb u mumenti ta' tensjoni li għaddejna minnhom, grazzi għall-għajnuna ta' Alla ninsabu hawn lesti biex niċċelebraw festa oħra f'ġieħ il-patrun u missierna l-Vittoriosani San Lawrenz. Se tkun festa b'differenza, iżda festa li xorta waħda fiċ-ċirkostanzi se tkun ta' livell għoli.

Minkejja d-diffikultajiet kollha bqajna għaddejjin bir-ritmu normali, b'mod partikolari bit-twelid ta' *V-SL Media*. Dan kien esperiment li rnexxa ħafna u li tana sodisfazzjon kbir għax, għal darb'oħra, konna pijunieri, anki jekk kien hemm min ipprova jimita l-idea. Iżda s-sabiħ ta' dawn it-trażmissjonijiet kien li ġab lill-għaqdiet tal-festa kollha madwar mejda.

Bħalma kulħadd jaf, biex ikollok festa kbira, bħalma hija tagħna, irid ikollok għadd ta' għaqdiet li jagħtu l-kontribut tagħhom. Għaldaqstant, nistgħu ngħidu li għamilna xhur sħaħ nippreparaw flimkien; minn hemm nibet ukoll il-programm tal-festa għal din is-sena. Kulħadd magħqud għal għan wieħed, jiġifieri dak li niċċelebraw kif jixraq il-festa ta' Lorenzu.

Bħala Soċjetà Mużikali mill-ewwel ikkommettejna li nagħtu s-servizz tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz fil-pellegrinaġġ li se jsir nhar l-10 ta' Awwissu, il-jum li hu tant għal qalb il-Vittoriosani. Ejjew ngħixu dan



Programm Festa 2020 FINAL.indd 13 28/07/2020 16:03




Programm Festa 2020 FINAL.indd 14 28/07/2020 16:03



*Il-pittura li kienet inawgurata s-sena li għaddiet fis-sala ta' fuq, irregalata mill-President Onorarju, Conrad Baldacchino, u xogħol l-artist Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi*

il-jum bi spirtu wieħed, bħala familja waħda.

Barra minn hekk, se nagħmlu wkoll is-solitu programm mużikali '*Vittoriosa in Festa*', imma b'forma f'jum differenti. Fuq kollox se jsir ukoll il-marċ il-kbir tal-anteviġilja. Għal filgħodu se jkollna biex nieħdu pjaċir ukoll. Dan juri l-impenn tas-Soċjetà tagħna lejn il-festa tal-patrun, li mhuwiex wieħed ta' konvenjenza imma ta' konvinzjoni.

Bħala Soċjetà Mużikali, matul din is-sena x-xogħol f'*Palazzo Huesca* kompla għaddej. Tajna ż-żebgħa lill-aperturi kollha u l-bibien. Saru ħafna affarijiet oħra, imma l-aktar importanti huwa l-proġett ewlieni li kellu jiġi mżanżan din is-sena. Dan tlesta wkoll, proġett li se jiġi jiswa 'l fuq minn €20,000. Jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla ninawgurawh bil-kbir.

Matul din is-sena għaddejna minn mumenti li qatt ma bsarna li se ngħaddu minnhom. L-għeluq ta' *Palazzo Huesca* għal kważi tliet xhur kien ta' weġgħa kbira, iżda dan kellna nagħmluh sabiex inħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-membri tagħna. Matul dan iż-żmien konna proattivi, tant li komplejna mill-ewwel bit-tagħlim mużikali b'mod virtwali. B'hekk tajna lill-istudenti tal-iskola



*It-tagħlim tal-mużika kompla b'mod regolari*



Programm Festa 2020 FINAL.indd 15 28/07/2020 16:03

DAIKIN

WORLD'S No. 1 AIR-CONDITIONING COMPANY FROM JAPAN

€585
excluding installation

R32
INVERTER



12,000 BTU/hr

A++ (cooling) / A+++ (heating)

5 YEARS Guarantee

m.a.a.
your perfect atmosphere

MAA Services Ltd., Valletta Road, Qormi QRM 3619
**2385 0400 E-mail: info@maa.com.mt**

**www.daikin.com.mt**





*Mument mill-kunċert tas-sena li għaddiet, Vittoriosa in Festa u (isfel) l-atmosfera fil-bitħa ta' Palazzo Huesca wara l-marċ ta' filgħodu*

tal-mużika kontinwità. Dan kien possibbli grazzi għall-impenn kbir mill-għalliema tagħna li kollha kemm huma komplew bil-lezzjonijiet mingħajr ebda interruzzjoni.



Għaldaqstant l-appell tagħna huwa wieħed: ejjew flimkien nieħdu pjaċir għax għandna biex. Ħejjejna programm vast. Mill-31 ta' Lulju 'l quddiem ejjew ninġabru flimkien u nifirħu bħala familja. Żgur li jixirqilna wara ż-żmien diffiċli li għaddejna minnu u dan id-dritt ma jista' jċaħħadulna ħadd.

Il-festa tagħna hija l-avveniment prinċipali ta' Beltna u aħna kommessi li dejjem inkunu hemm biex fl-ewwel ġranet ta' Awwissu niċċelebraw bil-kbir il-festa tal-patrun tagħna. Dan nagħmluh b'responsabbiltà għaliex ir-rabtiet tas-Soċjeta Mużikali San Lawrenz mal-festa huma kbar.

Nawguraw minn qalbna l-festa t-tajba lill-poplu tal-Birgu kollu. Viva San Lawrenz, missier il-Vittoriosani.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 17 28/07/2020 16:03







Programm Festa 2020 FINAL.indd 18
28/07/2020 16:04

MARLON GALEA

# V-SL MEDIA: ĦOLMA LI SARET REALTÀ

PRODUCER TA' V-SL MEDIA




Iż-żmien tal-*COVID-19*, apparti li kienu xhur ta' dwejjaq u kultant ta' biża', kien ukoll żmien ta' inċertezza għall-għaqdiet tal-festa, l-aktar dwar kif kienu se jidħlu fid-djar tal-partitarji u jagħtuhom prodott ta' rilassament u li jnissel tbissima fuq ix-xufftejn, minkejja li f'dawk il-mumenti ma tantx kellna biex nitbissmu. Barra minn hekk, kien ġej l-Ewwel Erbgħa ta' San Lawrenz, fejn is-soltu kienu jsiru attivitajiet li jgħaqqduba flimkien.

Għalhekk ridna noħolqu mezz differenti biex nilħqu lill-Vittoriosani fi djarhom u bdejna bl-ewwel esperiment organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi, flimkien mal-Kumitat tal-Festa u l-Banda Vittoriosana San Lawrenz – Teżori in Kwarantina.

Dan kien kwiżż, b'sitt parteċipanti f'kull episodju u kien imxandar fuq il-paġni tal-*Facebook* tal-għaqdiet kollha tal-festa. Għamilna sejħa għall-parteċipanti, kif ukoll għażilna ċerti karattri li fil-Birgu huma popolari. Ngħidu l-verità, konna sorpriżi bir-reazzjoni li bdejna nirċievu u minn programm fil-ġimgħa morna għal żewġ programmi fil-ġimgħa. Eluf bdew jaraw dan il-programm u l-prodott kien wieħed professjonali, b'viżwal ta' livell għoli ħafna. Kien prodott tajjeb u ngħidu b'sodisfazzjon li kien qed ikun imitat u kkuppjat. Fil-fatt, warajna rajna diversi għaqdiet jorganizzaw kwiżżijiet fuq il-midja soċjali. Dan kien iċ-ċertifikat li l-prodott u l-idea tagħna kienu ta' min jimitahom. It-tim wara dan il-proġett ħadem biex ikollna prodott mill-aqwa u nisgħu ngħidu li ħriġna bl-unuri kollha.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 19 28/07/2020 16:04

BeBirgu

# Welcome to BeBirgu!



BeBirgu is Birgu's newest place to be! Situated in the completely renovated SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year for drinks and great food served in a European Brasserie setting with a nice lounge style open air patio.

## BeBirgu

jawgura l-festa t-tajba lil kulħadd!

BeBirgu,
San Lawrenz Band Club, Victory Square, Birgu

Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com

Programm Festa 2020 FINAL.indd 20 28/07/2020 16:04

Wara r-riżultat ta’ Teżori in Kwarantina, fuq l-istess mewġa ta’ entużjażmu ridna noħolqu xi ħaġa għall-Ewwel Erbgħa. F’dan ix-xenarju kollu wieħed irid iżomm f'moħħu il-*feedback* li kien qed ikun hemm għax-xandir dirett li kienet qed tagħti l-parroċċa, speċjalment għall-quddiesa ta' kuljum u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. L-istess nies ta’ Teżori in Kwarantina, flimkien ma’ xi nies oħra, iltqajna l-*Youth Centre* u bdejna naħsbu xi stajna nagħmlu. Kollha kemm aħna xtaqna li nagħmlu xandir *live*, imma la kellna studio, la kellna l-apparat u lanqas l-esperjenza. L-unika esperjenza li kellna kienet ta’ xi 15-il sena ilu permezz ta’ Radju Belt Rebbieħa. Imma meta aħna tal-Palma noħolmu, nagħmlu minn kollox biex il-ħolma tagħna ssir realtà.

L-ewwel tarġa kienet waħda teknika u fil-fatt, rajna min kien qed jieħu ħsieb ix-xandir tal-knisja u daħlu bħala parti integrali mit-tim tagħna. Meta spjegajnielhom x’kellna f’moħħna u xi xtaqna nagħmlu, dawn bla tlaqiq qalulna li kollox kien possibbli u minn hemm tlaqna, mhux nimxu, imma niġru, mentalità tipikament Palmiża. Għaqqadna grupp tajjeb; minn jieħu ħsieb ifassal skeda, min jiġbor il-materjal, min jikkoordina biex inġibu l-apparat tekniku, min jibni l-istudio TV... insomma, fi ftit ġimgħat kellna studio armat b’erba' kameras u lesti biex inxandru *live* fuq il-midja soċjali. Xi ħaġa pożittiva oħra li ġrat kienet li, bis-saħħa ta’ dan il-proġett, irnexxielna nibnu librerija ta’ ritratti u filmati tal-festa, xi ħaġa li minn dejjem kien hemm bżonn li ssir. Imma, kif jgħidu, fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa u waqt dan il-proġett rajna persuni minn kull għaqda tal-festa jagħtu sehemhom.

B’hekk twieldet *V-SL Media*. Il-pjan kien li nibdew inxandru mill-Ħadd sal-Erbgħa, u hekk għamilna. Kellna programmi ta’ divertiment, programm dwar films li nġibdu fil-Birgu u l-*musicals* li ttellgħu miż-żgħażagħ tal-Birgu, programmi fuq il-festi preċedenti, fuq il-volontorjat, fuq il-Kolleġġjata, dokumentarji u anke b’mod professjonali għall-aħħar, programm b’kollegamenti *live* waqt dak kollu li beda jiġri barra waqt id-daqq tal-mota tal-Ewwel Erbgħa. Programm spiritwali kuljum ma naqasx u l-iskeda kienet tagħlaq bil-kwiżż popolari *Eyes Down*, li kellu suċċess enormi.

Irridu ngħidu li l-poplu Vittoriosan ikkontribwixxa b’ammont konsiderevoli ta’ donazzjonijiet. Ta' dan ngħidulu grazzi kbira. L-udjenza ta’ dawn il-programmi kienet xi ħaġa li ssorprendiet lil kulħadd. Il-messaġġi li bdejna nirċievu, li tajjeb ngħidu li mhux min-nies tal-Birgu biss, imma anke minn persuni madwar Malta kollha, kien impressjonanti. Għal darb’oħra erġajna għamilnieha; suċċess ieħor li ħafna bdew jitkellmu fuqu! Tant hu hekk li wara x-xandiriet tagħna, festi oħra bdew jippruvaw jagħmlu bħalna, imma l-livell ta’ xandiriet ma kienx wieħed li jmur viċin għal dak li għamilna aħna. Dan jikkonferma kemm dak li għamilna aħna kien tassew professjonali.

Xahar wara kien imiss iċ-ċelebrazzjoni tal-biċentinarju tal-Kolleġġjata u ddeċidejna li, għalkemm ma kienx fadal wisq żmien, nerġgħu ntellgħu tlett ijiem ta’ xandiriet oħra. Għal darb’oħra, f’dawn ix-xandiriet ilħaqna l-ogħla livell possibbli, bil-quċċata jkun il-pontifikal miġbud b’erba' kameras u kummentarju *live*. Fil-programm tal-aħħar ingħaqdu magħna



Programm Festa 2020 FINAL.indd 21 28/07/2020 16:04

GRAND HARBOUR MARINA
VITTORIOSA * MALTA



## SERVICE STANDARDS TO MATCH THE FINEST YACHTS AND THEIR MOST DISCERNING OWNERS

**With berthing for yachts and superyachts up to 140m alongside (100m stern-to), Grand Harbour Marina offers internationally renowned Camper & Nicholsons' excellence, as well as comprehensive vessel support and top quality service and reassurance to yacht owners year round.**

The highest level of facilities and services ensure that visitor and berth owner' needs are met in full, providing the best possible experience. Our knowledgeable local staff are always on hand to advise on anything, from reserving a dry dock to finding the best local bar for a relaxing drink.

The marina is sheltered and secure, with 24-hour CCTV and security patrols to ensure privacy and discretion. Essential operational services such as electricity, water, fuel, wi-fi, cable TV and grey and black water pump-out are all provided at the marina and berthing assistance is available 24 hours a day.

*"Thanks again for all your assistance during our stay not only in GHM, but in the whole of Malta. Your expertise and tireless efforts are an asset the marina should be proud of. It would be nearly boring without you." – Captain Otto Linzel, M/Y Axioma*

Email info@ghm.com.mt or call +356 21 800 700 for more information.

WWW.CNMARINAS.COM/GHM

**IMAGES**: (MAIN) 134M MY SERENE, (FROM TOP) SUPERYACHT BERTHS, ROLEX MIDDLE SEA RACE, SY MALTESE FALCON, GRAND HARBOUR MARINA CAPITAINERIE.

Camper & Nicholsons
YACHTING SINCE 1782
MARINAS

Programm Festa 2020 FINAL.indd 22 28/07/2020 16:04

wkoll l-Arċisqof u l-membri tal-Kapitlu tagħna. Fi ftit kliem, kien għeluq kbir għal proġett ieħor ta' suċċess.

Minkejja li dan kollu hu miktub fil-qosor, ix-xogħol minn wara l-kwinti ta' qabel u waqt dawn ix-xandiriet kien wieħed kbir ħafna. Għaddejna ħafna sigħat ta' preparazzjoni f'kull qasam u ħafna sigħat ta' xandiriet. Jekk waqt ix-xandira kienu jidhru żewġ persuni jmexxu l-programm, wara l-kwinti u quddiem il-*monitors* kien ikun hemm ħafna iktar. Mhux se nsemmi ismijiet għax żgur ninsa lil xi ħadd, imma grazzi kbira tmur lil kull min għamel dan il-proġett realtà: preżentaturi, produtturi, diretturi, *camera persons,* persuni li ħadmu fl-editjar, dawk li ġabru u organizzaw l-arkivji, min ħadem fl-armar tas sett, dawk li għenu u ħafna nies oħra. Mingħajr il-kontribut tagħkom ma konna naslu qatt.

Issa wasalna fi żmien il-festa u f'dan iż-żmien ukoll se nwasslulkom xandiriet u dokumentarji tassew interessanti. Produzzjonijiet ta' livell li se jżommulkom kumpanija mill-1 sal-5 ta' Awwissu u, jekk forsi mhux se jkollkom ċans tarawhom fil-ħin li jixxandru, jien ċert li meta tkunu fil-kwiet ta' darkom se tmorru fuq il-paġni soċjali tagħna u taraw dawn il-programmi mħejjija għalikom.

Dan kollu nħoloq b'riżultat taż-żminijiet li konna għaddejjin minnhom aħna lkoll fi żmien il-*COVID-19*, imma jien ċert li fix-xitwa li ġejja, bil-*COVID-19* jew jekk Alla jrid mingħajru, nerġgħu ntellgħu produzzjonijiet simili li jiena ċert se jżommulkom kumpanija u kuntatt bħala familja kbira tal-Palma. Għal li jmiss! Viva San Lawrenz.


FAVA WOODWORKS CO. LTD.
KW 17B CORRADINO INDUSTRIAL ESTATE - PAOLA

*Manufacturers of all types of wooden mouldings*
*SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS*



Tel: 2182 7650 / 9983 5390 - email: fava@maltanet.net




Programm Festa 2020 FINAL.indd 23 28/07/2020 16:04

# IL-KNISJA TAPPELLA BIEX INKOMPLU NIEĦDU ĦSIEB SAĦĦITNA

27 TA' LULJU 2020

*Qed nipproduċu l-aħħar stqarrija li ħarġet il-Kurja tal-Arċisqof dwar il-festi*

Il-Knisja f'Malta tappella biex ilkoll nosservaw b'attenzjoni d-direttivi dwar il-prevenzjoni tal-*COVID-19* għall-ħarsien tas-saħħa tagħna u tal-oħrajn. Dan jgħodd ukoll għall-quddies fil-knejjes.

Il-Knisja tfakkar li għal din is-sena qed torganizza l-festa fil-parroċċi u fi knejjes oħra b'quddiesa u pellegrinaġġ biss.

Attivitajiet oħra, bħalma huma l-marċi, mhumiex responsabbiltà tal-Knisja, imma tal-entità li torganizzahom u tal-awtorità ċivili li tawtorizzahom. Fil-każ tal-marċi, ir-responsabbiltà hi tal-każini tal-banda u tal-Pulizija.

Kunsill Lokali Birgu
Città Vittoriosa

**Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera,
l-Aġent Segretarju Eżekuttiv,
l-istaff klerikali u l-impjegati kollha
flimkien mal-familji tagħhom,
jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd**



Programm Festa 2020 FINAL.indd 24 28/07/2020 16:04



# PROGRAMM TAL-FESTI

## LI SE JSIRU FIL-KNISJA KONVENTWALI, MATRIĊI, KOLLEĠĠJATA U PARROKKJALI AD UNUR SAN LAWRENZ LEVITA U MARTRI

### IL-ĦADD - 9 TA' AWWISSU - LEJLET IL-FESTA

7am u 8:30am: Quddiesa
11:30am: Quddiesa li matulha għadd ta' trabi tal-parroċċa
jirċievu s-sagrament tal-magħmudija.
6pm: Quddiesa bil-kant ta' *Te Deum.*

### IT-TNEJN - 10 TA' AWWISSU - L-GĦID TA' SAN LAWRENZ

4:30am: Mota tal-Għid ta' San Lawrenz.
7am: Konċelebrazzjoni mmexxija minn Patri Aaron Zahra OP.
8:30am: Quddiesa konċelebrata bis-sehem tal-Kapitli ta' Bormla, l-Isla u
San Pawl, il-Belt. Imexxi l-Kan Anthony Cassar, Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' Bormla.
9am: Kant ta' Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.
9:30am: Quddiesa Solenni ta' Jum San Lawrenz immexxija mill-Arċipriet,
il-Kan Karm Busuttil, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u saċerdoti oħra.
Jinseġ il-paniġierku l-Kan Brandon Gatt.
6:30pm: Quddiesa animata minn Agatha Zahra. Iqaddes Fr John Avellino.
7:15pm: Għasar Solenni.
8pm: Pellegrinaġġ immexxi mill-Arċipriet, il-Kan Dun Karm Busuttil,
bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz.
10pm: Dħul tal-pellegrinaġġ fl-isfond tad-daqq tal-Antifona ta' Dun Alwiġ Fenech,
Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Innu San Lawrenz.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 25 28/07/2020 16:04


DON BERTO
PIZZA • PASTA • GRILL
Birgu Waterfront • 21 808 008 / 79 808 0008 • Info@donberto.com • www.dontberto.com

**NOEL CASTILLO**

# FESTA LI XORTA WAĦDA ĦA TAGĦTI ĠIEĦ LIL LORENZO

SEGRETARJU GĦAQDA PIROTEKNIKA 10 TA' AWWISSU

Il-ħolma kerha li għaddejna minnha din is-sena naħseb ftit kien hawn min qatt basar li xi darba stajna ngħaddu minn xi ħaġa simili. Ir-rota kienet qed idur b'ritmu b'saħħtu ħafna u l-programm tan-nar kien se jkun wieħed kbir, kif kien jixraq lil din is-sena tal-biċentinajru tal-Kolleġġjata. Iżda kollox waqaf ħesrem fil-bidu ta' Marzu meta faqqgħet il-pandemija.

Sakemm faqqa' dan kollu, kellna ritmu b'saħħtu f'dak li hu ġbir ta' fondi. Ħadna sehem fil-*Birgufest,* għamilna ikla kull xahar u għamilna żewġ ġiti għall-Italja. Iżda, kif għedna, tlifna kull tama u anke kważi l-kuntatt ta' bejnietna mill-bidu ta' Marzu. Waqfu l-lotteriji ta' kull xahar, addio l-ġabra speċjali li s-soltu ssir f'Ħadd il-Għid, tħassar il-*BBQ* annwali ta' fuq is-Simenta fl-aħħar ta' April, tħassru l-ikliet kollha minn Marzu sa Ġunju, ma sarx il-*poster* uffiċjali u tlifna d-dħul minnu u tħassret il-ġita li kellna ppjanata għal Mejju.



*Ġita f'Ruma f'Novembru 2019*



Programm Festa 2020 FINAL.indd 27 28/07/2020 16:04







ave



CLICK ScolmoreGROUP








retrotouch
Electrical products

ess

ESS Ltd., Triq San Gwakkin, Imriehel. T: 2125 5777
www.ess.com.mt | essmalta











Whatever the style
of light fitting,
we've got it covered!

Programm Festa 2020 FINAL.indd 28 28/07/2020 16:04

Biss, ippruvajna li nżommu b'xi mod ir-rota għaddejja: għamilna mezz biex il-ġabra tax-xahar żammejnieha u ħloqna żewg attivitajiet ta' *pizza deliveries*. Apparti hekk, stampajna diversi bnadar biex ir-residenti jżejnu l-galleriji tagħhom fil-ġranet tal-festa. Lejn l-aħħar ta' Ġunju l-istampa bdiet tiċċara xi ftit u għamilna aktar kuraġġ, tant li se nagħmlu l-ikla ta' qabel il-festa u anke se nippruvaw ma nitilfux il-ġabra kbira li s-soltu nagħmlu fil-ġranet tal-festa.

Iżda jekk kien hemm xi ħaġa pożittiva immens minn tant negattiv li kien fiha din is-sena, kien il-fatt li l-entitajiet kollha tal-festa ngħaqadna flimkien ħafna iżjed minn qabel. Bis-saħħa ta' din l-għaqda ta' bejnietna, twieldet *V-SL Media* u dawk ix-xandiriet li għamilna fil-ġranet tal-Ewwel Erbgħa u fit-tifkira tal-biċentinarju tal-Kolleġġjata kienu l-aqwa xhieda ta' kemm aħna aktar b'saħħitna meta jkun hemm l-għaqda. Jalla s-serenità li hemm bejnietna tibqa'.

Sinċerament sa xahar ilu ftit konna naħsbu li jista' jkollna mqar forma ta' festa, iżda x-xenarju kompla jinbidel u sakemm qed ngħaddu dan il-messaġġ għall-pubblikazzjoni, l-affarijiet qed jinbidlu kuljum. Kien għalhekk li l-entitajiet reġgħu sarrfu s-saħħa tal-għaqda bejniethom u poġġejna madwar mejda biex fassalna programm xieraq għall-festa li ġejja, programm li minkejja li mhux fuq il-linji tas-soltu, xorta waħda se jżomm il-livell għoli li għalih hija magħrufa l-festa tal-Palma.

Din is-sena, minħabba dak kollu li nqala', ma nistgħux nagħmlu *La Notte di San Lorenzo* u lanqas il-mistennija kaxxa tal-ħruġ. Biss fid-9 u l-10 ta' Awwissu xorta se jkollna logħob tan-nar matul il-jum kollu, fil-limitu ta' dak li flaħna nagħmlu. Għal dan kollu nirringrazzjaw mill-qalb lid-Deputati Parlamentari tad-Distrett, kif ukoll lil Chris u Roberta minn *Total Management Solutions*, li xorta waħda sibniehom ta' spalla kbira.

Nagħlaq dan il-messaġġ b'appell mill-qalb. Din hija festa b'differenza bla dubju, festa li qed nagħmlu dak li nifilħu nagħmlu, festa li qatt ma konna noħolmu li jkollna bħalha, iżda festa li żgur xorta waħda ħa tagħti ġieħ lil Lorenzu tagħna, il-qaddis li kollha kemm aħna ħabbejna sa minn ċkunitna u li hu fil-qalb tagħna lkoll. Nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.






Programm Festa 2020 FINAL.indd 30 23/07/2020 16:04

CHRISTIAN RAGGIO VELLA

# ARMAR ĠDID U RESTAWR GĦALL-FESTA 2020

MANIĠER LOĠISTIKA U ARMAR KUMITAT TAL-FESTA




F'din is-sena 2020, b'xi mod jew ieħor, se niċċelebraw festa oħra, b'differenza, iżda fuq kollox, nhar l-10 ta' Awwissu, il-patrun tagħna San Lawrenz se narawh idur mat-toroq ta' Beltna f'pellegrinaġġ. Kif kulħadd jaf, is-sena 2020 ħarbtet lil kulħadd, inkluż lill-festa. Id-dħul finanzjarju waqaf, in-nies fl-imħażen naqsu u l-festi speċjali twaqqfu kompletament. Iżda meta kollox deher li kien wieqaf, fl-imħażen, minkejja li b'ritmu kajman, ix-xogħol tkompla daqslikieku l-festa ġejja bħas-soltu u dan huwa ftit minn dak li sar din is-sena.

### *Statwi*

Sar restawr fuq l-istatwa ta' San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja mill-Vittoriosan Andrew Bugeja biex dan inħarsuh għas-snin li ġejjin. Il-Kumitat jirringrazzja u juri aprezzament lil Andrew Bugeja li wettaq dan ix-xogħol mingħajr ħlas. Andrew ħa ħsieb jiġbor għall-ispejjeż taċ-ċinglu u l-lazz tas-salib li għandu San Lawrenz. Sar restawr fuq San Lawrenz tal-Erwieħ, li kien reġa' wasal għal dawra, bix-xogħol għal darb'oħra jsir minn Andrew Bugeja, waqt li l-ispejjeż tiegħu tħallsu mill-Kumitat tal-Festa. Għal din

# MIFSUD GARAGE LTD.



- Chauffeur Driven Cars
- Mini-Van Service
- Wedding Service
- Funeral Service
- Holiday Appartments
- 24 Hours Service

FOR MORE THAN
60 YEARS OF EXPERIENCE

## GELMIF FLATS

Accomodation Appartments



- Self Catering
- Fully Furnished
- Fully Air-conditioned
- Cable TV Service
- Telephone/Internet
- Intercom Service
- Bedroom
- Restroom + Shower
- Kitchen + Dining Area
- TV + Living Area
- Balcony
- Laundry W/Machine
- Close to all amenities

## MIFSUD GARAGE LTD
## IRONMONGERY

*For all types of Hardware Items*

OPEN ALL DAY
INCLUDING SATURDAY & SUNDAY
AND ALSO PUBLIC HOLIDAYS

Address: 56, LA VALLETTE STREET, VITTORIOSA BRG1422 MALTA
TEL: (+356) 21 807535 / 21 807537 FAX: (+356) 21 807818
MOBILE: 99440428 / 99875671
E-MAIL: info@mifsudgarageltd.com WEBSITE: www.mifsudgarageltd.com

Programm Festa 2020 FINAL.indd 32 28/07/2020 16:04

l-istatwa saret raġġiera ġdida filwaqt li Lawrence Castagna ħadem b’xejn salib pulit tal-injam li jinżamm f’idejn l-istatwa. Beda wkoll xogħol ta’ restawr min Noel Casha bl-għajuna ta’ Andrew, fuq iż-żewġ anġli ta’ maz-zuntier minħabba xi ħsarat li kellhom. Għenu f'dan ix-xogħol Owen Cioffi u Liam Darmanin.

### *Kolonni*

Din is-sena tlestew mill-irħamar u l-induratura l-kolonni ta’ Triq il-Mina l-Kbira, kollu xogħol volontarju ta’ Sandro Schembri u Luca Vassallo li qed jindura wkoll l-iskultura tagħhom. Grazzi lill-volontiera kollha li ħadmu biex dan is-sett ta’ kolonni jiġi irrestawrat mill-ġdid. Sadanittant, ix-xogħol fuq l-iskultura baqa’ għaddej, bl-ispiża totali se tlaħħaq madwar it-€30,000. Neil Zerafa ħa ħsieb ix-xogħol tal-verniċ fuq dawn il-kolonni. Kompliet tinħadem aktar skultura tal-kolonna tal-Papa Ljun XIII, filwaqt li sar xogħol fuq l-armi tat-trufej tax-xatt minn Anthony Farrugia u Noel Casha. Din is-sena tlestew ukoll il-gradi tal-kolonni tal-Pjazza li nħadmu b’xejn minn Arthur Demarco.

### *Bandalori, pavaljuni u bnadar*

Bħalma jsir kull sena, tkompla ħafna xogħol ta’ sfumar biex diversi toroq bi drapp ġdid ġew magħluqa; l-ispejjeż daħal għalihom il-Kumitat tal-Festa. Barra minn hekk sar ħafna xogħol ġdid ta’ drapp, fosthom pavaljuni, bandalori u bnadar għas-swar u t-toroq li se jiżżanżanu jekk Alla jrid is-sena d-dieħla. F’dan il-qasam nirringrazzja lil Salvu Attard, Lawrence Avellino (Jam), Miriam Agius, Cameron Cachia, Joseph u Glenn Schembri, Tessie Scicluna, Ivan u Ruth Zammit, u Andrew Zarb.

### *Kruċċetti, pumi, ġmiemen u fustumi*

Din is-sena sar restawr fuq il-pumi kollha li kien fadal li jintużaw għall-arbli tat-toroq. Lawrence Castagna ħadem għadd ta’ ġmiemen u pumi ġodda li kienu indurati minn Roderick Busuttil u mħallsa mill-Kumitat tal-Festa. Nirringrazzja lil Charles Gellel u Gejtanu u Glenn Agius li żebgħu ħafna minn dawn il-pumi, kif ukoll lil Kristian Brincat li għamel xi restawr fuq diversi kruċċetti tal-arbli u ħadem għadd ta’ *covers* għall-kolonni irrestawrati. Henry Mifsud u Daniel Darmanin ħadmu fuq tiswijiet ta’ fustumi u strixxi tad-dawl tal-faċċata tal-knisja li wħud minnhom inżebgħu mill-ġdid u oħrajn saru ġodda minn Joe Galea, bl-ispejjeż jitħallsu mill-Kumitat tal-Festa.

### *Arbli u liedna*

Grazzi lil Fredu Carter li żeba' mill-ġdid l-arbli tal-Pjazza u oħrajn tal-bjut u s-swar li kienu waslu għal dawra. Saru ż-żewġ arbli ġodda l-oħra tas-Sur ta’ San Ġwann (l-I*scouts*) biex b’hekk l-erba’ arbli issa huma kollha ġodda, bl-ispiża tkun ta’ madwar €4000. Tkompla wkoll ix-xogħol fuq il-liedna l-ġdida li qed tibdel dik qadima għal diversi toroq. Grazzi lil Tristan Duncan u Alessandro Montesin li ħadmu fuq dan il-qasam tal-armar.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 33 28/07/2020 16:04




Programm Festa 2020 FINAL.indd 34 28/07/2020 16:04




### *Ringrazzjamenti*

Sfortunatament din is-sena ma stajtx nikteb ħafna fid-dettall u żgur li ħallejt lil xi ħadd barra. Niskuża ruħi, mhux l-intenzjoni, anzi napprezza x-xogħol ta' dawk kollha li taw xi ftit mill-ħin tagħhom biex isir dan ix-xogħol matul din is-sena. Nirringrazzja lil sħabi kollha tal-Kumitat tal-Festa tal-koperazzjoni tagħhom, b'mod speċjali lill-Arċipriet u lil Fr John Avellino, kif ukoll lil dawk il-membri li ma semmejtx f'dan l-artiklu, imma li dejjem jagħtu s-sehem tagħhom. Grazzi lis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi li dejjem kienet ta' spalla għall-Kumitat. Inħeġġeġ aktar volontiera biex jgħinu fix-xogħol manwali li jsir matul is-sena fl-imħażen. Dan ix-xogħol huwa importanti għax il-festa mhix dawk il-jiem li narmaw, inżarmaw u niċċelebraw, iżda hija s-sena kollha. Jekk ix-xogħol ma jsirx, ma tistax toffri riżultati tajbin fil-jiem tal-festa.

Nirringrazzja lill-benefatturi kollha li huma ta' sosten għall-festa. Grazzi lil dawk kollha li f'xi proġett jew ieħor, dejjem taw il-kontribuzzjoni tagħhom. Grazzi lil dawk kollha li jattendu l-attivitajiet li norganizzaw u nħeġġeġ aktar partitarji biex jagħmlu sforz u jattendu għax il-preżenza tagħkom hija ta' inkoraġġament għalina. Grazzi lill-volontiera kollha li jgħinu fl-attivitajiet u t-tombla li ssir matul is-sena taħt is-superviżjoni ta' Doreen Raggio. Nirringrazzja wkoll lil Tony Raggio talli għal darb'oħra ġabar il-famuż arbular li jagħti spinta 'l-finanzi tal-festa jiem qabel nibdew niċċelebraw. Grazzi wkoll lill-Kunsill Lokali tal-Birgu tal-għajnuna li dejjem sibna kull meta kellna bżonn u lil Karmenu Scicluna, is-sagristan, tal-koperazzjoni li nsibu għal xulxin.

Jekk nibda nirringrazzja ma nispiċċa qatt, iżda spazju ma fadalx. Pruvajt inżomm fil-qosor, niskuża ruħi mill-ġdid jekk ħallejt lil xi ħadd barra. Grazzi lill-ħwienet u stabbilimenti tar-reklami, entitajiet privati li jagħtuna x-xogħol u dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jikkontribwixxu b'risq il-festa. Ejjew, devoti ta' San Lawrenz, niċċelebraw kif jixraq din il-festa lil dan il-qaddis kbir biex filwaqt li nirringrazzjawh tax-xogħol kollu li sar din is-sena minn tant nies, nirringrazzjawh ukoll li żammna magħqudin bħala komunità waħda f'din is-sena kerha li għadna fiha. Il-festa t-tajba u grazzi lil kulħadd tal-appoġġ u l-koperazzjoni li tagħtu lill-Kumitat u l-entitajiet kollha tal-festa. Viva San Lawrenz, patrun ta' Beltna.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 35 28/07/2020 16:04

# BALLUT BLOCKS

**Ballut Blocks Ltd.** Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738
Fax: (356) 21575562   E-Mail: ballut@ballutblocks.com

**FROM STRENGTH TO STRENGTH**
**PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY**

Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.


Precast Windows


Demolition Works


Trenching Works


Concrete Bricks


Excavation


Piles


Tunnelling


Precast Slab Roofing



Ready Mix Concrete


Piling Machine


Tunnelling Machine


Precast Walls

GPC
Concrete Solutions

**General Precast Concrete Ltd** Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653802, (356) 21653005 Fax: (356) 21659536   E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

w w w . b a l l u t b l o c k s . c o m

Programm-Festa-2020-FINAL.indd 36 28/07/2020 16:04

EMAN ZERAFA

# SENA LI SE NIBQGĦU NIFTAKRU!

PRESIDENT SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMIŻI

Għaddiet sena oħra, sena li lkoll kemm aħna kellna l-biża' li taf tasal il-festa u ma nkunux nistgħu niċċelebrawha flimkien. Imma għall-grazzja ta’ San Lawrenz, illum ninsabu hawn – lesti biex nagħtu ġieħ lill-patrun tal-Belt Rebbieħa.

Matul din is-sena, il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ xorta baqa' għaddej b'diversi attivitajiet biex jiġu ġġenerati fondi għall-festa u biex isiru proġetti marbuta mal-festa tagħna. Saru diversi attivitajiet, fosthom, il-*BBQ* ta’ wara l-festa, ħadna sehem fil-*BirguFest*, *weekend break*, *Halloween Scavenger Hunt*, *Father Christmas* Jiġi Għandek, u għadd ta' ħasil ta' karozzi. Matul ix-xhur tal-*COVID-19* kienu organizzati diversi tombli f’toroq u żoni differenti fil-Birgu. Nixtieq nirringrazzja b’mod speċjali lil Stefan Gauci tal-għajnuna tiegħu fis-*sound* u lir-residenti Vittoriosani kollha li kkoperaw magħna u tawna l-appoġġ tagħhom bil-preżenza tagħhom. Attività oħra li konna ilna ħafna biex norganizzaw kienet il-*boat party* ta’ qabel il-festa. Grazzi lil kull min attenda għax veru ħadna gost flimkien.

Saru attivitajiet oħra innovattivi, fosthom il-famużi xandiriet li wassalna b’tant suċċess matul il-ġranet tal-Ewwel Erbgħa u matul il-jiem taċ-ċelebrazzjonijiet tal-200 sena Kolleġġjata. Dan il-proġett itella' bl-għajnuna tal-għaqdiet kollha tal-festa. Ħdimna flimkien u rnexxielna nkunu innovattivi f’dan l-aspett fil-festi Maltin. Ħadna ħafna pjaċir naraw festi oħra kbar isegwu l-passi tagħna u jxandru matul il-jiem tal-festa tagħhom. Dan



*Il-boat party li kienet organizzata f'Lulju ... mument ta' mistrieħ flimkien*



Programm Festa 2020 FINAL.indd 37 28/07/2020 16:04





# VITTORIOSA PHARMACY

**EST 1907**

*An Institution in the Heart of the Three Cities*

## IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD!

**9, Main Gate Street, Vittoriosa. T: 21 807529**

**E: vittoriosapharmacy@gmail.com**

Find us on Facebook

il-proġett ħa jkun qed jitkompla matul l-ewwel jiem tal-festa b'xandiriet oħra ġodda li żgur se jkunu ta' interess.

Proġett ieħor li bdejna din is-sena kienu l-*workshops* 'Nassiguraw Futur fil-Volontarjat'. F'dawn il-*workshops* grupp sabiħ ta' adoloxxenti qed jattendu minn darba sa darbtejn fix-xahar u jaħdmu fuq oqsma differenti tal-armar tal-festa: ħjata, sfumar, liedna, eċċ. Nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lill-ġenituri kollha tat-tfal għall-koperazzjoni tagħhom u lil Anthony Farrugia tal-għajnuna tiegħu.

Għas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi din is-sena kienet se tkun l-iktar sena li fiha kienu se jinħarġu proġetti min-naħa tagħna. Apparti t-tkomplija tal-proġett tal-pittura tal-bandalori tal-Pjazza, is-Sezzjoni din is-sena ffinanzjat żewġ proġetti kbar li ħa jiżżanżnu s-sena d-dieħla. Bla dubju dawn iż-żewġ proġetti kapitali ħa jkomplu jpoġġu 'l-festa tagħna fil-quċċata tal-festi Maltin fl-armar ta' barra.

Fis-6 ta' Awwissu ħa nkunu qed nerġgħu nagħtu spettaklu għal kulħadd, li se jinkludi kunċert ta' mużika pop mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz, dokumentarju bl-isem ta' 'Ġrajjietna', *DJ live*, kif ukoll verżjoni oriġinali tal-Innu Popolari ta' San Lawrenz, li żgur ħa jingħoġob minn kulħadd. Apparti hekk, is-Sezzjoni ħa terġa' tieħu ħsieb il-briju li tant aħna magħrufin għalih.

Qabel nagħlaq xtaqt nirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-Birgu għax dejjem kien ta' għajnuna għalina. Il-Kumitat tas-Sezzjoni jixtieq jawgura festa mill-aqwa lill-Vittoriosani kollha. Grazzi tal-appoġġ li dejjem tagħtuna. Ejjew ħa niċċelebraw flimkien għax tassew, minkejja kollox, din is-sena ħa jerġa' jkollna festa kbira. Viva missierna San Lawrenz, patrun tal-Birgu.




*Wieħed mill-workshops li organizzajna għall-adolexxenti*



Programm Festa 2020 FINAL.indd 39 28/07/2020 16:04


TOTAL
One-Stop Tools Station
Trade Enquiries: Firm B. Pullicino Tel: 21676627 - 21676629


MelvinDeGiorgio
PHOTOGRAPHY
www.melvindegiorgio.com
99823536

GEORGE AGIUS

# IL-KOLLEĠĠJATA TAL-BIRGU TAGĦLAQ 200 SENA

Matul din is-sena fil-Birgu kien hemm il-ħsieb li jiġi mfakkar it-tieni ċentinarju mill-ħruġ tal-Bolla Papali li permezz tagħha l-knisja Matriċi ta' San Lawrenz kienet mgħollija għad-dinjità ta' Kolleġġjata Insinji. Il-ħsieb oriġinali kien li l-ftuħ tal-festi biċentinarji jsir fil-5 ta' Jannar 2020, festa tal-Epifanija tal-Mulej, mill-Kardinal Vittoriosan Prospero Grech. Iżda l-Kardinal Grech miet bla mistenni nhar it-30 ta' Diċembru 2019. Wara l-ħasda li ġabet magħha din l-aħbar, il-ftuħ tal-festi kien pospost. Ġie deċiż li jsir il-Ħadd, 2 ta' Frar 2020, festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej. Dakinhar filgħodu sar Pontifikal Solenni, li tmexxa mill-Kardinal Peter Turkson li ġie Malta apposta għal din l-okkażjoni. Hekk, ix-xewqa li għall-ftuħ ta' dawn il-festi jkun hawn Kardinal fostna, inqatgħet ukoll. Dakinhar kull min attenda seta' jħoss l-atmosfera festiva u ta' ferħ li kien hawn fil-Birgu waqt din iċ-ċelebrazzjoni.

### *Il-COVID-19 u l-festi*

Iżda ċ-ċelebrazzjonijiet l-oħra li kien hemm imħejjija għal matul is-sena kellhom jieqfu ħin bla waqt meta fil-bidu ta' Marzu feġġet fostna l-pandemija tal-*COVID-19*. Fortunatament, fil-bidu ta' Ġunju bdew jitnaqqsu xi wħud mill-miżuri maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa b'rabta ma' din il-pandemija, minkejja li xorta waħda baqgħu fis-seħħ bosta




restrizzjonijiet. Dan għamilha possibbli biex it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2020, filgħaxija, Mons Arċisqof Charles J Scicluna mexxa Pontifikal Solenni fil-knisja parrokkjali, flimkien mal-Arċipriet u l-Kapitlu fl-okkażjoni tal-anniversarju mill-ħruġ tal-Bolla tat-twaqqif tal-Kolleġġjata tal-Birgu.

### *X'inhi Kolleġġjata?*

Ħafna jistaqsu, xi tfisser 'Kolleġġjata'. Għalhekk il-ħsieb tiegħi huwa li permezz ta' dan l-artiklu nipprova nispjega fil-qosor x'inhi Kolleġġjata filwaqt li nagħti xi ftit tagħrif storiku dwar it-twaqqif tal-Kolleġġjata tal-Birgu.

Sa mill-ewwel żminijiet, madwar l-Isqof kien ikun hemm saċerdoti u djakni biex



Programm Festa 2020 FINAL.indd 41 28/07/2020 16:04

jgħinuh fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija u ħidmiet oħra. Maż-żmien, fuq l-eżempju tal-patrijiet fil-monasteri, daħlet l-idea li jkun ta' ġid li l-kjeriċi u s-saċerdoti jibdew jgħixu flimkien taħt regola ta' ħajja komuni. Din il-forma ta' ħajja l-ewwel ma daħlet fil-knejjes katidrali. Hawn is-saċerdoti u l-kjeriċi l-oħra bdew jgħixu, flimkien mal-Isqof tagħhom f'dar, ħafna drabi qrib il-katidral. Dawn kienu jgħinu lill-Isqof fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, l-aktar dawk solenni u kienu jitolbu flimkien l-Uffiċċju Divin. Kienu jagħtu sehemhom ukoll fil-ħajja pastorali u sagramentali tal-poplu t'Alla u jgħinu fl-amministrazzjoni tal-ġid tal-Knisja.

### *Kolleġġjata, Kapitlu u kanonċi*

Matul is-snin l-istess għamla ta' ħajja ġiet stabbilita f'xi knejjes importanti li kont issib fl-ibliet jew l-irħula li kellhom għadd sabiħ ta' saċerdoti. Dawn il-gruppi ta' saċerdoti u kjeriċi, li kienu jgħixu flimkien skont il-liġijiet tal-Knisja bdew jissejħu kapitli. Is-saċerdoti u l-kjeriċi li kienu jgħixu din il-ħajja flimkien bdew jissejħu kanonċi.

Matul is-snin minħabba ħtiġijiet ġodda fil-ministeru pastorali, il-ħajja ta' flimkien, li fil-bidu kienet il-qofol tal-ħajja tal-kanonċi, bdiet tonqos u tintilef. Ġara li bil-mod il-mod ħafna mill-kapitli żammew iċ-ċelebrazzjoni flimkien tal-Liturġija tas-Sigħat u tal-quddiesa kapitulari jew konventwali, kif ukoll l-amministrazzjoni tal-propjetà tal-Kapitlu u tal-knisja.

Ir-riforma fil-ħajja tal-Knisja, imnedija mill-Konċilju Vatikan II, messet ukoll il-Kapitli. Skont il-Kanoni 503 tal-kodiċi l-ġdid tad-Dritt Kanoniku, "il-Kapitli tal-kanonċi, kemm tal-katidral kif ukoll tal-kolleġġjati, huma korpi tas-saċerdoti



*Anton Agius, iben il-Birgu, jaħdem fuq il-mudell tal-mazza Kapitulari*

biss li, bħala skop komuni u speċjali tagħhom, għandhom dak li jiċċelebraw il-funzjonijiet liturġiċi b'mod mill-aktar solenni fil-katidrali jew fil-knejjes kolleġġjati.

Iżda l-Knisja ma tidhirx li trid tifred il-Kapitli mill-ministeru pastorali u mis-servizz tal-Poplu t'Alla fil-knisja kolleġġjali. Fid-Direttorju tal-Kleru ta' Malta (1979) insibu hekk: "Fejn hemm Kapitlu, il-kanonċi għandhom jiffurmaw parti mill-presbiterju parrokkjali u jagħtu sehem sħiħ fil-ħidma pastorali tal-parroċċa" (n. 27). Fl-istess dokument jingħad ukoll li fiċ-ċelebrazzjoni tal-Uffiċċju Divin u funzjonijiet liturġiċi oħra, il-Kapitlu mhux biss m'għandux ikun ta' tfixkil għall-ħidma pastorali tal-parroċċa, iżda b'din il-ħidma qaddisa għandu jkun ta' eżempju tajjeb għall-fidili fit-talb, kif ukoll għandu



Programm Festa 2020 FINAL.indd 42 28/07/2020 16:04



*Il-mazza Kapitulari li nħaddmet fil-fidda fl-1913 mid-ditta Ghezzi ta' Milan*

jseħibhom miegħu kemm jista' jkun f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi sbieħ u solenni (n. 27 u 28). Barra minn hekk, l-istatuti ta' kull Kapitlu jridu jistabbilixxu x'għandhom jagħmlu l-kanonċi individwalment kif ukoll bħala Kapitlu fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija u fil-ministeru pastorali (1).

### *Ix-xewqa biex il-Matriċi tal-Birgu ssir Kolleġġjata*

Meta l-knisja parrokkjali ta' Birkirkara tgħolliet għad-dinjità ta' Kolleġġjata fl-1630, il-knisja parrokkjali tal-Birgu tilfet il-preċedenza li kellha wara l-knisja Katidrali. Il-Vittoriosani ħassewhom iddispjaċuti għal dan il-fatt. Matul is-snin saru bosta tentattivi biex il-Matriċi tal-Birgu ssir Kolleġġjata kif kien jixirqilha, iżda, sfortunatament, minkejja l-bosta inizjattivi li ttieħdu matul is-snin, dan ma seħħ qatt, anke meta f'xi drabi kienu tant viċin (2).

### *Il-Kulleġġ tal-Benefiċjati*

Fid-19 ta' Lulju 1725, bit-tħabrik tal-Inkwiżitur Antonio Ruffo, il-Papa Benedittu XIII waqqaf fil-knisja Matriċi ta' San Lawrenz dak li baqa' magħruf bħala l-Kulleġġ tal-Benefiċjati. Dan kien jikkonsisti fi tnax-il qassis maħtura u mħallsa mill-Inkwizitur *pro tempore*, (magħhom irridu nżidu wkoll il-kappillan) biex ta' kuljum jitolbu flimkien l-Uffiċċju Divin, jiċċelebraw il-liturġija u jkunu ta' servizz lejn in-nies li kienu jabitaw f'din il-Belt Marittima.

Mal-medda tas-snin, fuq talbiet ta' diversi inkwiżituri, il-Kulleġġ tal-Benefiċjati ġie mogħni b'diversi privileġġi u n-numru ta' saċerdoti li kienu jiffurmaw dan il-Kulleġġ minn żmien għall-ieħor kien ivarja. Mons Giulio Carpegna, l-aħħar Inkwiżitur f'Malta, nhar it-2 ta' Ottubru 1796, lil dawn is-saċerdoti Benefiċjati ġabilhom id-dritt mis-Santa Sede biex waqt il-funzjonijiet ikunu jistgħu jilbsu r-rukkett u l-muzetta filwaqt li l-kappillan, li digà kien igawdi minn dan id-dritt, ingħatalu l-użu tal-kappamanja (3).

### *It-twaqqif tal-Kolleġġjata*

Meta Malta għaddiet f'idejn il-Franċiżi fl-1798, fost l-ewwel miżuri li ħadu kien hemm l-abolizzjoni tal-Inkwiżizzjoni; b'konsegwenza ta' dan, il-kleru Vittoriosan tilef il-benefattur prinċipali tiegħu. Il-futur



Programm Festa 2020 FINAL.indd 43 28/07/2020 16:04

tal-Kulleġġ tal-Benefiċjati kien inċert u biex ma jintilifx kollox kien hemm bżonn li dan il-Kulleġġ jinbidel f'Kapitlu ta' Kolleġġjata (4).

### *Dun Lorenzo Lanzon*

Hawnhekk jidħol fl-istorja l-Prepostu Vittoriosan Dun Lorenzo Lanzon, qassis żelanti u intelliġenti. Dan is-saċerdot, mill-1808 sal-1821, ħadem fuq programm doppju: dak tat-twaqqif tal-Kolleġġjata fil-Birgu u fl-istess ħin ħadem biex, sakemm dan iseħħ, il-Kulleġġ tal-Benefiċjati jibqa' sostenibbli. Dan is-saċerdot tħabat kemm felaħ biex din il-ħolma sseħħ, minkejja li t-triq ma kienet faċli xejn u l-mumenti ta' qtigħ il-qalb ma naqsux (5).

### *Il-ħruġ tal-Bolla*

Il-mument mistenni mill-Vittoriosani wasal f'Ġunju 1820, meta l-Papa Piju VII ħareġ il-Bolla tat-twaqqif tal-Kolleġġjata tal-Birgu; permezz ta' din il-Bolla, huwa żejjen lill-kanonċi tal-Birgu b'għadd ta' privileġġi. L-aħbar waslet il-Birgu fit-13 ta' Lulju 1820 u kif kien mistenni, intlaqgħet b'ferħ kbir li wassal għal diversi ċelebrazzjonijiet (6). Ħasbu biex iċ-Ċerimonja tal-Investitura u l-pussess tal-ewwel kanonċi ssir propju lejlet il-festa ta' San Lawrenz ta' dik is-sena. Sfortunatament, dan ma seħħx għaliex jidher li kien hemm il-ħtieġa tal-kunsens mill-awtoritajiet ċivili. Fl-arkivju tal-Kolleġġjata tal-Birgu nsibu kollezzjoni ta' volumi miktuba mill-istess Dun Lorenzo Lanzon, f'volum minnhom hemm għadd ta' paġni li jiddeskrivu l-kalvarju li għadda minnu huwa stess sakemm wasal fejn xtaq. Jidher li f'dawk iż-żminijiet, il-Gvernatur, Sir Thomas Maitland, kellu diżgwid mal-Isqof ta' Malta u intortament weħlet miegħu l-kwistjoni tal-kunsens għat-twaqqif tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Maitland baqa' jżomm iebes sakemm għaddiet tiegħu; kien biss meta din il-kwistjoni bejn il-Gvernatur u l-Isqof ġiet riżolta li ħareġ il-permess biex seta' jingħata l-pussess lill-kanonċi l-ġodda (7). Iċ-ċerimonja tal-pussess saret nhar it-Tnejn, 31 ta' Diċembru 1821. Dakinhar fit-2.45pm, il-Vigarju Simone Biagio wasal il-Birgu biex imexxi ċ-ċerimonja tal-għoti tal-pussess tal-Kapitlu l-ġdid. Lanzon ħallielna deskrizzjoni ta' din iċ-ċerimonja bid-dettalji kollha u, fost kollox, jikteb li n-nies attendew bi ħġarhom għal din l-okkażjoni (8).

Matul is-snin, il-Kolleġġjata ta' San Lawrenz kompliet tissaħħaħ b'diversi għotjiet u legati mogħtija minn bosta benefatturi li tant ħabbew din il-knisja. Ħafna kienu l-mumenti ta' glorja minkejja li d-diffikultajiet ma naqsu qatt. Illum għaddew mitejn sena mit-twaqqif ta' din l-Insinji Kolleġġjata. F'dawn is-snin il-poplu Vittoriosan kien moqdi minn għadd kbir ta' saċerdoti, uħud minnhom għorrief u qaddisin li b'ħafna fedeltà u mħabba dejjem kienu hemm għall-qadi tal-poplu t'Alla fil-Belt Vittoriosa. Jalla fis-snin li ġejjin aktar żgħażagħ Vittoriosani jkomplu jkunu ġenerużi u jgħidu iva lill-Mulej biex jaqduh permezz tas-saċerdozju għall-akbar glorja tiegħu u għall-ġid tal-komunità, bħalma ġara matul dawn l-aħħar mitejn sena.

### *Noti:*


1. Annetto Depasquale, *Il-Kapitli tal-Kanonċi fl-imgħoddi u llum*, Fuljett Parroċċa Isla, Mejju-Ġunju 1986.
2. Anton Zammit Gabarretta, *It-Twaqqif tal-Kolleġġjata tal-Belt Vittoriosa*, Il-Pronosku Malti, 1978, p 100.
3. *Ibid.*, pp 104-105.
4. Anton Zammit Gabarretta, *L-Insinji Kolleġġjata u l-Kapitolu tal-Belt Vittoriosa*, Veritas Press, p 1.
5. Joseph F. Porsella Flores, *Birgu a Maltese Maritime City*, Vol 2, 1993, p 610.
6. *Ibid.*, p 623.
7. ACCV, *Memorie Lanzon*, Tom VIII, parte II.
8. ACCV, *Minuti Kapitulari*, Vol 1.




Programm Festa 2020 FINAL.indd 44 28/07/2020 16:04

FR JOHN AVELLINO

# INSELLMU L-MEMORJA TAL-KARDINAL PROSPERO GRECH

Nhar it-Tnejn, 30 ta' Diċembru 2019 il-Kardinal Prospero Grech OSA mar jiltaqa' mal-Ħallieq fis-sema fl-età ta' 94 sena. Dakinhar il-Kardinal Prospero kien rikoverat b'urġenza l-isptar wara li kien għadu kemm ippranza ma' ħutu l-patrijiet. Il-quddiesa tal-funeral tiegħu saret fil-Bażilika ta' San Pietru l-Ħamis, 2 ta' Jannar u kienet ippreseduta mill-Kardinal Giovanni Battista Re. Il-Papa Franġisku mexxa r-rit tal-aħħar.

Ftit sigħat biss qabel ma ħalliena l-Arċipriet tagħna kien miegħu fuq it-telefon biex jiftehmu dwar il-wasla tiegħu Malta, fejn kellu jmexxi l-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet li kellhom isiru f'Jannar biex ifakkru t-twaqqif tal-Kolleġġjata tagħna 200 sena ilu. Jidher li l-Mulej kellu pjanijiet oħra.

Prospero Grech kien kburi li kien mill-Birgu. Meta twieled fl-1925 ingħata l-isem ta' Stanley. Ħa l-isem ta' Prospero meta daħal mal-Ordni Agostinjan fl-1943, fl-eqqel tal-gwerra. Kien ordnat saċerdot fil-25 ta' Marzu 1950 fil-Bażilika ta' San Ġwann Lateran f'Ruma.

Il-Kardinal Grech kien rispettat ħafna fil-Vatikan, mhux biss għall-intelliġenza tiegħu, imma anki għall-ħidma tiegħu ta' ħafna snin fil-Vatikan. Kien il-Papa Benedittu XVI li għamlu Kardinal fit-18 ta' Frar 2012 fl-età ta' 86 sena, it-tieni Kardinal Malti fl-istorja.



Nhar l-Erbgħa, 8 ta' Jannar il-parroċċa tagħna tat tislima speċjali lil dan il-Kardinal Vittoriosan. Wara li l-fdalijiet tiegħu waslu minn Ruma, dawn twasslu sal-Pjazza tal-Birgu, minn fejn it-tebut tiegħu ttieħed f'korteo sal-knisja parrokkjali, fejn sar mument ta' talb. Wara t-tebut ittieħed għand l-Agostinjani r-Rabat biex ikun espost għall-qima tal-pubbliku. L-għada sar il-funeral tiegħu fil-Katidral Metropolitan ta' San Pawl, l-Imdina, ippresedut mill-Arċisqof.

Ta' min jgħid li fl-2013, fl-aħħar Konklavi li waslu biex ikun elett il-Papa preżenti, il-Kardinal Grech għamel il-meditazzjoni tal-bidu lill-Kardinali miġbura flimkien fil-Konklavi. Imma minħabba l-età hu ma setax jipparteċipa fil-Konklavi. Din il-Belt Rebbieħa tilfet iben li għamlilha unur u għolla l-isem tagħha mad-dinja kollha. Mulej, agħtih il-paċi ta' dejjem.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 45 28/07/2020 16:04

NOEL CASTILLO

# ĠUŻI AVELLINO: PILASTRU TAL-FESTA TAL-PALMA



Kienet l-għodwa tal-4 ta' Diċembru meta rċevejt aħbar li, għalkemm kont qed nistenniha, xorta niktitni ħafna. Kien ħalliena Ġużi Avellino fl-età ta' 91 sena. "*A true gentleman*": din hija l-frażi li fiha tiġbor dak kollu li kien Ġużi. Għandi l-unur ngħid li ħdimt miegħu għaxar snin sħaħ fil-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz. Ġużi kien dak il-bniedem li meta kollox kien jidher li jkun ġej kontra, kien jagħmlilna kuraġġ. Kien l-anzjan tal-Kumitat u fih konna nsibu wens. U ħa ngħiduha kif inhi, anzjan bi spirtu żagħżugħ kien magħna! U kien ikompli magħna f'kollox, anke meta fil-festa bdew deħlin elementi mhux tant tradizzjonali u forsi b'laqta aktar żagħżugħa, Ġużi niftakru dejjem b'dik it-tbissima tiegħu u jgħidilna … "mhux maż-żminijiet irridu nimxu"!

Anke meta fil-festa tagħna kellna l-maltemp u jien flimkien ma' ħafna minn sħabi tlaqna mill-Kumitat tal-Festa u waqqafna Soċjetà oħra, Ġużi kien wieħed mill-ftit persuni li baqa' jkellimna u jirrispettana. Niftakarni jien u tiela lejn fejn kienet tiltaqa' din is-Soċjetà u ngħaddi minn ħdejn id-dar ta' Ġużi, kont insibu hemm fuq it-tarġa tad-dar u ta' kuljum f'dawk iż-żminijiet kien iwaqqafni biex iħeġġiġni nsibu soluzzjoni.

Aktar 'il quddiem, meta saħħet Ġużi bdiet sejra lura, hekk kif tibda toqrob il-festa kien jgħajjatli u jistaqsini x'għandna nar għal festa ta' din is-sena u arah lest bid-donazzjoni tiegħu. Dan baqa' jagħmlu anki meta saħħtu marret lura, tant li baqa' jibgħatli donazzjoni għan-nar ma' xi ħadd minn uliedu.

Ġużi fis-skiet tiegħu kien pilastru tal-festa tal-Palma. Dan ħadd ma jista' jgħidu aktar minni u minn dawk li ħadmu miegħu fil-Kumitat. Persważ li San Lawrenz laqgħu bil-ferħ fi ħdanu għax jekk hawn persuna li tista' tissejjaħ iben dehen ta' Lorenzu tagħna, allura dan m'hu ħadd ħlief Ġużi. Strieħ fis-sliem ħabib tagħna u nerġa' ntenni l-kondoljanzi tiegħi lil qrabatek, li ħafna minnhom huma nvoluti bis-sħiħ fil-qasam tal-festa, anzi nazzarda ngħid li għandhom it-tmun tal-festa f'idejhom. Bla dubju każ li d-demm jiġbed u li ż-żerriegħa li żera Ġużi, ħalliet il-frott. *Till we meet again*, ħabib ta' veru ! Agħtih, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 46 28/07/2020 16:04

JOHN AVELLINO

# JOSEPH MICALLEF TA ĦAFNA LILL-PARROĊĊA TAGĦNA



Fl-10 ta' Jannar Joe Micallef mar jiltaqa' mal-Ħallieq fis-sema fl-età ta' 73 sena. Kienet aħbar li ħadd ma kien qed jistenniha, anki jekk kellu problema mediċi. Joe kien missier veru tal-familja. Flimkien ma' martu Carmen, rabba 'l-uliedu fl-imħabba ta' Alla u dejjem tahom valuri tajba. Ma jistax jonqos minn bniedem li għadda ħafna snin fil-*MUSEUM* u fl-Azzjoni Kattolika Rġiel, li kien, tista' tgħid, il-mens tagħha.

Joe ta sehem kbir fil-parroċċa tagħna. Apparti l-impenn tiegħu fi-Azzjoni Kattolika, għal ħafna snin kien impenjat fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali, kien jieħu ħsieb jorganizza l-letturi u kien fratell devot ta' San Ġużepp. Kienet weġgħa kbira għalih, li minħabba saħħtu, ma kienx aktar possibbli għalih li jkun preżenti għall-Ewkaristija. Grazzi Joe tal-impenn tiegħek fil-parroċċa tagħna. Agħtih, Mulej, il-paċi ta' dejjem.

## INSELLMU LIL OMM L-ARĊIPRIET



Nixtiequ nuru solidarjetà bħala parroċċa mal-Arċipriet u ħutu li fid-29 ta' April li għadda tilfu lill-għażiża ommhom Antonia Busuttil. Fit-ritratt l-Arċipriet jidher qed jagħmel it-talb tal-aħħar fuq it-tebut ta' ommu qabel id-difna fiċ-ċimiterju taż-Żurrieq. Agħtiha Mulej il-paċi ta' dejjem.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 47 28/07/2020 16:04

JOHN AVELLINO

# PAWLU U JOSEPH: ŻEWĠ VITTORIOSANI B'QALB KBIRA





Pawlu Mifsud, magħruf aħjar bħala 'tal-Pereġin', fid-9 ta' Lulju mar għand il-Mulej, fl-età ta' 70 sena. Pawlu kien bniedem ġenwin, qalbu tajba u bla ebda pretenzjonijiet. Flimkien ma' martu, kien irrispettat ħafna minn kulħadd.

Wara li ħareġ bil-pensjoni, Pawlu kien jgħaddi ħafna ħin jagħmel xogħol għall-festa. Kien jgħaddi sigħat sħaħ fil-knisja tal-Karmnu, jixkatla u jiżbogħ il-kolonni Dejjem biex jagħti servizz lill-festa, tgħallem is-sengħa tal-induratura u rrestawra u ndura ħafna mill-pumi tal-arbli. Il-festa tilfet voluntier ta' veru.

L-għadd kbir ta' nies li ġew jagħtuh l-aħħar tislima waqt il-quddiesa tal-funeral hi xhieda ta' kemm Paul kien irrispettat fil-komunità tagħna. Minn dawn il-kolonni nixtiequ mill-ġdid nagħtu l-kondoljanzi tagħna lil martu Antoinette. Ċert li San Lawrenz diġà laqgħu fi ħdan il-Missier fis-sema. Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

Fid-19 ta' Lulju l-Mulej sejjaħ fi ħdanu lil Joseph Calleja fl-età ta 57 sena. Joseph kiber magħna u minkejja li mar jgħix il-Belt meta żżewweġ, qalbu kienet il-Birgu. Għadda tfulitu magħna u għal xi żmien serva bħala abbati fil-knisja ta' San Lawrenz.

Joseph kien bniedem sempliċi, imma b'qalb kbira ħafna. Kellu sens kbir ta' servizz u rispett lejn l-oħrajn. It-tbissima tiegħu kienet issaħħrek. Għadda ħajtu jaħdem fi ħdan il-Kummissjoni Emigranti, fejn spiss kien jgħin lil ħutna emigranti u refuġjati li kienu jitolbu għajnuna f'din id-Dar tal-Knisja. Kien l-id il-leminija taz-ziju tiegħu Mons Philip Calleja, il-fundatur ta' din id-Dar. Joseph fuq kollox kien missier tajjeb, li flimkien ma' martu Josette, għaraf jgħaddi lill-erba' wliedu l-valuri tajbin li tawh il-ġenituri tiegħu. Kienu ħafna dawk li attendew għall-quddiesa tal-funeral tiegħu, xhieda tar-rispett li Joseph kien igawdi. Mulej, agħtih il-paċi ta' dejjem.



Programm Festa 2020 FINAL.indd 48 28/07/2020 16:04

melita

# Live fast, share faster!

Choose your perfect mobile plan by speed and enjoy endless data, calls and SMS.

**Surfer:** perfect for browsing, listening to music, scrolling through social media.

**Streamer:** feast your eyes on streaming live events or music videos in HD.

**Racer:** 4K video, heavy file uploads, VR? This is the mobile plan for you.



Endless data, Calls & SMS

from €25 per month

Inspired by people like you

Terms and conditions apply. A €2 Paper bill charge applies.

ReCoop
Architecture & Fine Arts

# PRESERVING OUR YESTERDAY FOR COMING TOMORROWS

**ReCoop** offers a variety of services for objects of Cultural Heritage including Easel and Mural Paintings, Polychrome Sculptures, Ceramics, Glass, Metal, Stone and Marble Artefacts, Monuments and Architectural Sites.



Conservation & Restoration Treatments



Consultancy



Scientific and Art Historical Research



Condition Surveys & Conservation Audits



Diagnostic Investigations & Monitoring

**ReCoop** The Restoration and Conservation Coop Ltd, Triq l-Esportaturi, Imrieħel Industrial Estate, Imrieħel, Malta
T: +356 2149 1297 | M: +356 7996 1838 | E: info@recoop.com.m | W: www.recoop.com.mt

